MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru. 89/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Julian Mercieca**

Numru: 89/2012

Illum 12 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat **Julian Mercieca**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Eucharistic u l-mejta Rita neé Cassar, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-22 ta' Frar 1971, u joqghod 41, Triq l-Ispiera, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 5171(G), akkuzat talli nhar it-22 ta' Awwissu 2012, ghall-habta ta' 4.15 ta' wara nofsinhar, gewwa Triq l-Ispiera, Xaghra u/jew fil-vicinanzi:

[1] *A fol.* 38.

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioé offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' huh Marvic Mercieca u dai *ai termini* tal-Artikoli 216 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-fomm lill-istess Marvic Mercieca u Pauline Pisani b'delitt, fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Marvic Mercieca, Pauline Pisani u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew, minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 72) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 216(1)(a), (b) u (d) u 221(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet, waqt l-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 73), l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, fosthom Eucharistico Mercieca.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2013, lill-kwerelanti Marvic Mercieca (*a fol.* 42 *et seq.*) u Pauline Pisani (*a fol.* 44 *et seq.*) jiddikjaraw li ma kellhomx interess f'dawn il-proceduri, li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli u li kienu qed jaghzlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2013, lill-kwerelanti Pauline Pisani tixhed rigward dak li allegatament gara fit-22 ta' Awwissu 2012.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie mismugh u li gie verbalizzat fid-diversi seduti mizmuma quddiem il-Qorti, ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat mill-kwerelanti, fejn saret rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tipprovdi ghas-sigurta ta' Marvic Mercieca, Pauline Pisani u terzi persuni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------